MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-6 ta' Awwissu, 2004

Numru 629/2004

**Illum, 6 ta' Awissu 2004**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Bonello)**

**Vs**

**Francis Sultana**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imptutat Francis Sultana ta' karta ta' identita' numru 536279(M) akkuzat:

Talli fil-21 ta’ Lulju 2004 ghall-habta tal-05:15 p.m. fil-Hamrun hebb ghal Joseph Mifsud Grech, anzjan ta’ 77 sena u kkagunalu griehi ta’ natura hafifa skond kif iccertifika Dr. A. Cordina M.D. tad-dipartiment tal-kura primarja fil-Floriana;

Aktar talli fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat u glied jew b’mod iehor;

Aktar talli fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi bhala x-xufier tax-Xarabank bin-numru tar-registrazzjoni FBY601 saq l-imsemmija vettura b’mod perikoluz;

Aktar talli fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi ma kellux il-kontroll shih tax-xarabank meta waqt li kien qed issuq l-imsemmija xarabank kien qed juza mobile phone;

Aktar fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi fil-pubbliku qal kliem oxxen li jikkonsisti f’dagha u kliem iehor;

Aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi waqt li kien qed issuq l-imsemmija xarabank fuq ir-rotta naqas li jkun edukat milli jittratta lill-passigieri sewwa.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet lill-imputat jirregistra ammissjoni fl-liema ammissjoni hu baqa jinsisti anke wara li nghata zmien jikkonsidraha.

Ikkonsidrat:

Illi l-akkuzi huma dawk ta’ ferita hafifa, li kiser il-bon ordni u l-paci pubblika, li saq xarabank b’mod perikoluz, li fil-waqt li kien qieghed isuq kien qieghed juza t-telefon cellulari: li dagha fil-pubbliku, li naqas li jkun edukat mal-passigieri.

Illi fid-dawl ta’ dawn l-akkuzi wara li ikkonsidrat illi l-parti leza irrinunzjat ghal kull haga li kienet rinunzjabbli wara li l-imputat skuza ruhu, u fil-waqt li sabet l-imputat hati tal-

akkuzi fuq ammissjoni tieghu, din il-Qorti ghaddiet ghall-piena u tikkundanna lill-imputat multa komplessiva ta' Lm150 wara li rat l-artikolu 221, 276, 338(dd) u 324 tal-Kap 9 u l-Artikolu 15 tal-Kap 65 fir-rigward t-tielet, l-hames u s-sitt akkuza li huma assorbiti flimkien.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------